MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2009

Numru 27/1997

**Il-Pulizija**
**(Spettur Francis Micallef)**

**Vs**

**Consiglio Cutajar**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti kollha tal-kompilazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat u dan talli fil-Gzira nhar it-13 ta` Novembru, 1996 ghal habta tad-9.15am, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Emmanuel Vella anzjan ta' 84 sena, liema offiza ikkagunat debbullizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' parti tal-gisem. Talli ukoll fl-istess data hin u cirkostanzi ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Rita Vella anzjana ta' 77 sena.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (fol 65 ibid) u li biha billi deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-

istess imputat a bazi ta' din il-kumpilazzjoni a bazi tal-artikoli 216(l)(a)(i)(ii)(iii)(iv)(b)(c)(d) u 221 tal-Kodici Kriminali. Iddecieda li jibghat lill-istess imputat sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti f'nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-istess imputat.

Semghet lill-imputat jiddikjata li m'ghandux tali oggezzjoni. (fol 66 ibid).
Semghet lill-akkuzat minn jeddu.
Semghet ix-xhieda prodotti mill-akkuzat in ezami u kontro ezami.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-Ufficcjal Prosekutur</u> (fol. 13 et seq ibid) spjega illi fit-13 ta' Novembru 1996 ghall-habta tad-9.15am, il-Pulizija giet infurmata bil-glieda in ezami li kienet tinvolvi girien bejniethom cjoe l-akkuzat fuq naha u l-konjugi Emanuel u Rita Vella, anzjani, fuq in-naha l-ohra. Mill-investigazzjoni li saret jidher li l-akkuzat kien qed jahsel il-karozza tieghu u Rita Vella ghaddiet "xi kummenti" u bhala kosegwenza bdew jargumentaw bejniethom sakemm intervjena Emanuel Vella, li jimxi bl-uzu ta' bastun. Difatti skond l-akkuzat, Emanuel Vella kien fuq l-ghadba tal-bieb tar-residenza tieghu u "minn hemmhekk beda jxejjer il-bastun". Skond dejjem l-istess akkuzat, Emanuel Vella sbilancja ruhu u waqa' mal-art. Dwar l-istess incident, l-akkuzat (ara ukoll l-istqarrija rilaxxata minnu a fol 19 ibid) <u>cahad li mess</u> lil Emanuel Vella u li ghamel xi feriti fuq Rita Vella. In rigward Rita Vella hi kienet spjegat illi bejn il-partijiet involuti f'dan il-kaz "hemm argumenti ghaddejjin kwazi kulljum" u waqt li kienet qed tnaddaf vicin il-bieb taghha, l-akkuzat ghadda xi rimarki u meta hi rrispondietu, l-akkuzat resaq lejha ("vicin taghha"). Hawnhekk, dejjem skond hi, hareg mid-dar fejn kien, zewgha u dan ukoll "immarka xi haga" u ghalhekk, l-akkuzat "qabad lil Emanuel Vella minn sidru, gibdu mis-sidrija…." Bhala konsegwenza ta' dan l-incident Emanuel Vella sofra feriti allegatament gravi waqt li Rita Vella kellha xi feriti hfief (ara l-anness Dok FM1 a fol 18 ibid).

Illi il-parti lesa, Emanuel Vella, xehed (fol 20 et seq ibid) illi hu, anzjan ta’ 85 sena’, kien jaf lill-akkuzat, billi dan jirrisjedi “ma genbi”. Fil-jum u hin in kwistjoni, hu kien gewwa r-residenza tieghu meta sema’ lill-martu “tghajjat ghall-ghajjut” u meta hareg barra b’bastun tal-mixi f’idu kien ra lill-akkuzat jiggieled ma martu u jaghti daqqa ta’ ponn lil din fuq ghajnejha waqt li kien hemm “certu Duminku” li kien qed jipprova jferraq skond ma kienet qaltlu martu stess, wara l-incident. Hawnhekk l-akkuzat u siehbu cjoe Duminku qasmu it-triq minn fejn dan ghandu “garage” u “Consiglio” beda jsawwat lilu, waqt li l-istess “Duminku” jipprova jzomm lill-akkuzat. Dan, pero’, ghadda idu minn taht “Duminku”, qabad is-sidrija li kien liebes u “gibdu l-barra” kif ukoll beda’ jaghtih bl-istess bastun wara li hadulu u ghamel l-istess lil mart il-parti lesa. Bhala konsegwenza tal-feriti li garrab kien ittiehed fl-Isptar ta’ San Luqa fejn dam, wara li gie operat, ghal tlieta u ghoxrin gurnata. Inoltre kien gie rikoverat fi Sptar iehor ghal tlettax-il jum iehor. In kontro ezami, hu ddeskriva d-daqqa ta’ ponn li qalghet martu bhala “wahda ta’ ragel” u li “ghamlilha ghajnha daqsiex”. In rigward l-akkuzat, ix-xhud sostna li hu kien qala’ tlett daqqiet bil-bastun tieghu stess waqt li martu qalghet ukoll xi daqqiet bl-istess bastun. Inoltre hu cahad li kien xejjer il-bastun u li kien hawnhekk li waqa’ wahdu. Inoltre fl-ahhar nett hu cahad li kellu incidenti ma’ nies fl-istess triq u li, xi darba “tlajt il-Qorti in konnessjoni ma’ incidenti fl-istess triq”.

In rigward Rita Vella (fol 25 et seq ibid) din xehdet li kienet qed tnaddaf l-indana fuq barra u l-akkuzat beda jkellimha hazin meta vicin tieghu kien hemm l-imsemmi “Duminku”. Inoltre l-akkuzat gie hdejha u ta’ daqqa ta’ ponn f’nofs wiccha. Hawnhekk zewgha hareg barra mid-dar taghhom u l-akkuzat gibdu mis-sidrija (ezebita bhala Dok RV b’buttuna maqtugha) u ghalhekk “gibdu mal-art”. L-istess xhud specifikat illi hi bidet tghajjat ghall-ghajjut “wara li hareg ir-ragel” u “kif rajt lir-ragel mal-art”. Hi semghet ukoll li zewgha kien qala daqqa bl-istess bastun wara li l-akkuzat kien ha dan l-oggett f’idejh. Inoltre hi ma qalghet l-ebda daqqa b’dan il-bastun. Dwar ir-ritratti ezebiti mill-Ufficjal Prosekutur u li jinsabu a fol 18 markat Dok FM, hi

specifikat li dawn kien ittiehdu minn bintha, Alice Debbattista (ara fol 36 et seq ibid) madwar tlett ijiem wara l-incident. In rigward l-istess ritratti, hi spjegat dwar tbengil li jidhru fuqhom “oltre dak fejn hemm muri l-wicc tieghu” illi dawn gew kawzati minn mart l-akkuzat li “qabditni b’kemm felhet sabiex nidhol il-gewwa”. Hi kompliet tirrakkonta, wara li saritilha referenza ghar-relazzjonijiet taghha u ta’ zewgha mal-akkuzat u mal-girien fl-istess triq, illi meta gara l-incident in ezami “konna mill-ghatba l-gewwa, immedjatament wara l-istess ghatba”. Difatti “l-incident ma garax fuq il-bankina” u “ma kienx hemm barra xi barmil bl-ilma u carruta”. Filfatt hi kompliet tghid illi kienet qed tnaddaf kemm b’carruta u kemm bl-ixkupa izda “l-ixkupa ma kienetx f’idejja”. Fl-ahhar nett, hi cahdet li kienet insulentat lill-akkuzat “b’bintu marida”.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>Albert Rizzo</u> (fol 36E et seq ibid) ma rax l-incident izda irrifera ghal incident iehor bejn l-istess partijiet li kien gara madwar tnax-il sena’ qabel. Giet prodotta ukoll <u>Alice Debattista</u> (fol 36 et seq ibid) li xehdet dwar l-imsemmija ritratti li ittiehdu minnha u li juru feriti kemm fuq ommha kemm fuq missierha.

Illi <u>Domnic Zammit</u> (fol 36 et seq ibid) xehed li kien vicin l-akkuzat u beda’ jitkellem mieghu waqt li dan kien qed jnaddaf il-“van” tieghu. Hawnhekk Rita Vella bidet toffendi lill-akkuzat u dan irreagixxa bl-istess tip ta’ kliem. Hawnhekk, ix-xhud qal li Rita Vella qasmet it-triq u “giet sabiex ittieh bi xkupa li kellha f’idha”. Ix-xhud intervjena billi ferraq it-tnejn u dahhal lil Rita Vella l-gewwa. Pero din, waqt li kien qed jzommha sabiex ma tergax tohrog il-barra, bdiet issejjah lil zewgha. Difatti dan “beda jfajjar bil-bastun waqt li kien ghadu gewwa” presumibilment “fil-bieb ta’ barra …. (fejn) …..hemm targa baxxa u ohra gholja” u “aktar il-gewwa mill-mara tieghu”. Hawnhekk giet fuq il-post Josette Cutajar u Rita Vella bdiet taghti fuq wicc dik. Hawnhekk ix-xhud qal testwalment “….Vella spicca fuq il-bankina ghax waqa’” waqt li l-akkuzat kien ghadu <u>taht il-</u>

bankina li hi wiesa' tlett piedi ossija "….fuq it-triq immedjatament warajja" imbghad korretta ghal "madwar zewg piedi l-boghod minn fuq it-triq". Inoltre x-xhud specifika illi ma kienx ra' lill-akkuzat jaghti daqqa ta' ponn fuq wicc Rita Vella. Difatti, minn wiehed mir-ritratti msemmijin, hu qal li "Fuq dan ir-ritratt tidher Rita Vella …..(u) nghid li ma' kienetx tidher bhal ma hi murija fuq l-istess ritratt" ….. "waqt l-incident". Fl-ahharnett hu semma li hu kellu relazzjonijiet pjuttost tajbin maz-zewg partijiet. (Dwar dak li xehed Domnic Zammit ara x-xhieda ta' George Debattista mizzewweg lit-tifla tal-partijiet lesi, Alice Debattista dwar dak li tkellmu bejniethom hu u l-istess Domnic Zammit u dan a fol 42 et seq ibid u dwar ir-relazzjonijiet pjuttost tesi u hziena bejn l-istess partijiet lesi u l-akkuzat, ix-xhieda ta' Mary Anne Cachia a fol 39 et seq ibid, liema xhud hi bint l-istess partijiet lesi).

Ikkunsidrat

Illi PS 634 Wilfred Imbroll (fol 45 u fol 54 et seq ibid) wara li sar rapport b'telefonata spjega li kien mar fuq il-post tal-incident fejn tkellem mal-konjugi Vella qabel ma dawn inghataw kura medika. In rigward Rita Vella, hu kien ezamina r-ritratti ezebiti u qal "….kull ma rajtilha (in rigward Rita Vella) fuq wiccha ma kienx tbengil izda qiesha hmura". Dwar ir-rapport xehed PC 104 Raymond Caruana (fol 56 et seq ibid) li qal li kien hu li rceva t-telefonata li saret minn ragel li seta' kien l-istess akkuzat li difatti kien gie, personalment, fl-Ghassa wara li l-istess xhud kien qal lil dak ir-ragel, li ghamel it-telefonata sabiex jigi fl-istess ghassa ta' Tas-Sliema.

Ikkunsidrat

Illi bhala provi medici gew prodotti s-segwent xhieda u dokumenti:-

a) It-tabib Ferdinand Serracino Inglott (fol 32 et seq ibid) tabib kuranti fid-Dipartiment tal-Ortopedija fl-Isptar San Luqa, kien dak li irrilaxxja lil Emanuel Vella mill-Isptar. Hu ezebixxa id-"discharge letter" li tinsab a fol 35 tal-atti u

li kienet bazata fuq il-“case history” tal-istess parti lesa stante li hu qatt ma kien ezemina lil dan.

b) It-tabiba Marthese Schembri Wismayer (fol 36A ibid) kienet ezaminat lil Emanuel Vella fid-Dipartiment tal-Emergenza tal-istess Sptar u dan ghall-habta tal-10.40am tat-13 ta’ Novembru 1996. Dan kellu tlett tbengiliet fuq idu l-leminija u tnejn fuq dik xellugija. Inoltre innotat li seta’ kien hemm ksur ossija fratturi fil-“hip” tax-xellug in vista li siequ x-xellugija kienet “rotated”. Difatti mill-“X-ray” rat li kien hemm frattura “in the neck of the left femur”. Wara li gie operat u saret protesi, l-istess parti lesa ihareg mill-Isptar “wara ftit granet” billi jimxi permezz ta “frame” u ittiehed fi Sptar iehor minn fejn hareg fit-13 ta’ Dicembru 1996. in rigward l-istess ferita, din kienet wahda gravi “per durata”. Dwar Rita Vella, hi semmiet li meta ezaminata, din kellha “shock” izda “ma rajt l-ebda ferita”. Pero’ murija certifikat mediku fil-pussess tal-Ufficjal Prosekutur, hi qalet illi Rita Vella, kemm fuq il-“forehead” kemm that ghajnejha x-xellugija kellha feriti li “…ma kienux tbengil (“ma rajtx id-dbengil minn fuq dan ir-ritratti”) izda hmura” ossija “…naqra hmura”. Dwar dak li ddeskriviet in rigward Emanuel Vella, hi qalet li kienet “kompatibbli ma’ waqa’ anzi waqa’ fuq il-left ‘hip’”.

c) Dottor Carmel Apap Bologna xehed (fol 61 et seq ibid) a bazi tal-“case history” gia msemmija u rrefera li Emanuel Vella kellu ksur tal-“femur” xellugija vicin il-“hip joint”. Ghalhekk il-ferut gie operat billi l-ghadma miksura giet sostitwita b’ “prosthesis”. Din il-ferita, li ddum madwar xaharjen sabiex tfiq, kienet kompatibbli ma’ waqgha.

Ikkunsidrat

Illi d-difiza bdiet billi gew prodotti diversi xhieda u dan sabiex jintwera lill-Qorti l-inkwiet li kien jigi kawzat mill-agir tal-konjugi Vella u l-imgieba ta’ dawn fil-konfront tal-girien inkluz l-akkuzat matul iz-zmien. Dawn huma Filomena Camilleri (fol 80 et seq ibid), Yvonne Bonnici (fol 84 et seq ibid), John Baldacchino (fol 95 et seq ibid). Josephine Cutajar, mart l-akkuzat (fol 120 et seq ibid) li kienet ghal xi hin, prezenti, ukoll, ghall-incident in ezami, kienet qalet lil

Rita Vella li kellha xkupa f'idha sabiex tidhol gewwa izda minflok qalghet daqqa, b'idha fuq wicc ix-xhud minghand l-istess Rita Vella, li "certu Duminku", kien qed jzomm lill-konjugi Vella u qalet li "Bil-gurament tieghi nghid li jiena, fl-ebda hin ma rajt lil zewgi jigbed lix-xih Leli mill-bastun".

Illi l-akkuzat (fol 106 et seq ibid) ikkonferma taht gurament, il-kontenut tal-istqarrija rilaxxata minnu li tinsab in atti a fol 19. Semma' qabel dan l-incident Rita Vella kienet bdiet hi billi xejjer xkupa u tghajjar il-familja tieghu anke b'referenza ghat-tifla marida tieghu. Hawnhekk hu kien in-naha l-ohra tat-triq waqt li "Duminku" dahhal lil Rita Vella gewwa d-dar taghha. Wara hames minuti, kien hareg Emanuel Vella, b'bastun f'idu flimkien ma martu. Peress li Rita Vella dehret aggressiva, l-istess "Duminku" rega' intervjena izda Rita Vella tat daqqa ta' harta lill-martu waqt li Emanuel Vella laqtu bil-bastun. Kien, hawnhekk, li Emanuel Vella "…zbilancja ruhu u waqa' mal-art". Hu stqarr, taht gurament, illi "…jiena la lix-xih u lanqas lix-xiha ma missejthomx f'xi hin".

Ikkunsidrat

Illi mill-premess u fil-fehma ta' din il-Qorti bbazata fuq dak rizultanti mill-istess provi, Hi tinsab rinfaccjata b'zewg versjonijiet ta' fatti li huma konfliggenti bejniethom. Meta hekk rinfaccjata, il-Qorti rat l-istess provi sabiex tara jekk kienx hemm xi prova jew provi indipendenti minn dak li qalu u xehdu l-partijiet lesi sabiex din tista' isservi ta' korroborazzjoni ghall-versjoni taghhom. Pero' l-Qorti hi tal-opinjoni li tali prova ma tezistiex. Dwar dan ghandu jinghad li l-oneru tal-prova kien jispetta lill-Prosekuzzjoni u dan minghajr ma jissussisti dubbju dettat minn raguni. Pero' l-akkuzat ta' versjoni tal-fatti li a bazi tal-istess prova, setghet fuq bazi ta' probabilita, tirrifletti u tirrispekkja dak li verament gara f'dan il-kaz fis-sens li l-incident in ezami kien gie provokat mill-partijiet lesi, li l-feriti li sofra Emanuel Vella setghu gew kagunati u kienu rizultat tal-waqa' li semma' l-istess akkuzat. Certament fid-dawl ta' dak li ghadu kemm inghad tonqos il-prova dwar l-intenzjonalita doluza rikjesta f'kazijiet ta' feriti volontarji l-hekk msejjha intenzjoni generika. Dwar il-feriti li garrbet

Rita Vella, jigi sottolineat illi meta PS 634 Wilfred Imbroll kien ra lill-istess Rita fuq il-post tal-incident kien ra' biss fuqha mhux tbengil kif allegat hi izda "qiesha hmura", liema fatt issemma ukoll mit-Tabib Marthese Schembri Wismayer li qalet li Rita Vella kellha biss "shock" minghajr ma rat ebda ferita waqt li sussegwentement ikkorregiet xi ftit dan billi qalet, ukoll, li din ma kelliex tbengil izda "naqra hmura".

Illi fid-dawl u fl-isfond ta' dak li ghadu kemm gie premess l-akkuzat ma jistax jinstab hati tal-akkuzi in ezami.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti issib lill-akkuzat mhux hati tal-akkuzi kollha u tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------